MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Numru. 558/2001

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo)
vs
Alfred Debono, iben Joseph, imwieled tas-Sliema fl-20 ta' jannar, 1944

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa flejjes li jammontaw għal aktar minn Lm20,000 (€46,587.47), liema flejjes jappartjenu lil Phillis O'Rourke

u persuni oħra u dan ir-reat sar minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;
b. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenża ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm20,000 (€46,587.47) għad-dannu ta' Phyllis O'Rourke u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-29 ta' Lulju, 1997 Phyllis O'Rourke biegħet proprjeta' lill-terżi, skond kunrtratt in atti Nutar Dottor John Gambin. Hi kellha urgenza li titrasferixxi parti mir-rikavat u cioe' s-somma ta' Lm23,500 lejn l-Awstralja għal raġunijiet familjari. Hi kellmet lill-bank malti iżda dan ma setgħax jaqdiha. Għalhekk, marret għand il-Financial Planning Services ta' Triq it-Torri, tas-Sliema iżda hi ma ftehmitx magħhom minħabba li ma offrewlix rata tal-kambju favorevoli. Hawnhwkk, hi kienet akkompanjata minn ċertu Walter Zammit u dan Zammit qallha li hu kien jaf lil ċertu Alfred Debono, l-imputat, li seta' jaqdiha. Fil-fatt, Walter Zammit ċempel lill-imputat Alfred Debono u ftehem miegħu li O'Rourke u dan Zammit kellhom imorru għand l-imputat id-dar tiegħu. Huma marru hemm u Phyllis O'Rourke kienet konvinta li l-imputat kien 'broker'. Tant hu hekk li hu qallha li kien ser jitrasferixxi dawn il-flus l-Awstralja fi żmien tmienja u erbgħin siegħa. Għalhekk, Phyllis O'Rourke qabdet u

ikkonsenjat il-flus (is-somma ta’ Lm23,500 fi flus kontanti) lil Alfred Debono. L-imputat qabad u ħarġilha riċevuta li hu kien irċieva dawn il-flus (Dokument numru 2 a fol. 17 tal-proċess). Phyllis O’Rourke tat lill-imputat id-dettalji kollha tal-bank Awstraljan fejn kellhom jiġu depożitati dawn il-flus. Din it-transazzjoni saret fl-1 ta’ awissu, 1997. Jumejn wara hi telqet lejn l-Awstralja. Meta waslet hemm hi ma sabitx il-flus il-bank. Kelmet lill-imputat diversi drabi u l-imputat dejjem wiegħed li ser jibgħatilha dawn il-flus iżda dawn qatt ma waslu. Wara s-sena 1997, hi ġiet Malta diversi drabi biex tieħu flusha iżda l-imputat dejjem wiegħed li ser jagħtihomla iżda qatt ma wasal. Għalhekk, hi marret għand il-pulizija fis-sena 1998 bi kwerela tal-avukat tagħha ta’ dak iż-żmien. L-imputat qatt ma deher il-Qorti biex iwieġed għall-akkużi magħmula għaliex l-imputat telaq minn Malta u baqa’ barra għal madwar tmien xhur. Għalhekk, Phyllis O’Rourke ma kellha ebda triq ħlief li titlaq lura l-Awstralja.

Illi eventwalment, l-imputat irritorna lejn Malta iżda d-dell tal-proċeduri kriminali kontra tiegħu kienu għadhom hemm. Għalhekk, bi skrittura tal-24 ta’ ġunju, 1999 l-imputat obbliga ruħu li kien ser iħallas is-somma ta’ ħmistax il-elf lira maltin (Lm15,000) fi tlett pagamenti fil-15 ta’ lulju, 1999, fil-15 ta’ settembru, 1999 u fil-15 ta’ diċembru, 1999. skond dan il-ftehim Phyllis O’Rourke kellha tirtira kwalunkwe azzjoni ċivili jew kriminali kontra l-imputat.

Illi fil-31 ta’ mejju, 2000 l-imputat kien ħallas is-somma ta’ Lm500 lill-parte ċivile. Mill-att proċesswali dan hu l-uniku pagament li jirrizulta li sar mill-imputat lil Phyllis O’Rourke.

Illi l-imputat ma onorax dan il-ftehim u mill-atti irrizulta li saret skrittura privata oħra bejn l-imputat u il-parte ċivile. Din l-iskrittura ġġib id-data tal-31 ta’ ġunju, 2000 (ix-xahar ta’ ġunju għandu tletin ġurnata u mhux wieħed u tletin). F’dan il-ftehim l-imputat obbliga ruħu li jħallas is-somma ta’ Lm15,000 f’rati mensili ta’ Lm500 il-waħda. L-ewwel pagament kellu jsir fil-31 ta’ lulju, 2000. Fdan il-ftehim hemm referenza li l-imputat kien ikkonsenja s-somma ta’ Lm15,000 lil Walter Zammit. Mill-provi prodotti jirrizulta li

Walter Zammit u Phyllis O'Rourke kellhom xi negozju bejniethom dwar proprjeta'.

Illi b'ittra tas-17 ta' awissu, 2001 mibgħuta mill-Av. Dr. Victor Ragonesi, Phyllis O'Rourke pprezenta kwerela kontra l-imputat.

Illi minn naħa ta' l-imputat hu xehed li kien veru li l-parte ċivile kkonsenjatlu s-somma ta' Lm23,500. Fi ftit kliem, l-imputat qal li hu kkonsenja l-flus kollha lil Walter Zammit biex dan ta' l-aħħar eventwalment jgħaddihom lil Phyllis O'Rourke. Mistoqsi għall-aġir tiegħu, l-imputat xehed li hu kien jaf li Zammit u O'Rourke kellhom xi negozju bejniethom u għalhekk ta l-flus lil Zammit.
L-imputat xehed ukoll li hu wkoll jinnegozja ma Walter Zammit u dan Zammit ħa l-flus kollha. Din il-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda ta' l-imputat ma tistax titwemmen.

Illi Walter Zammit offra x-xhieda tiegħu wkoll. Hu xehed li hu rċieva l-flus mingħand l-imputat fuq ordni ta' Phyllis O'Rourke. Jirrizulta wkoll li Zammit kellhu jagħti xi flus lill-imputat u ta' dan ipprezenta riċevuta li ġġib id-data tas-6 ta' diċembru, 2005. Din id-data hi ferm wara d-data meta bidet din il-kawża.

Illi meta taqra x-xhieda ta' l-imputat u ta' Walter Zammit l-impressjoni, anżi ċ-ċertezza hi, li dawn iż-żewġ persuni sabu f'idejhom is-somma ta' Lm23,500 u lagħbu b'din is-somma kif dehrilhom huma.

Illi b'dan l-istadju s-somma li tinteresaa lil din il-Qorti hi s-somma ta' Lm15,000 a bażi tat-tieni skrittura u cioe' dik tal-31 ta' ġunju, 2001. jirrizulta ċar li l-imputat kellhu jħallas din is-somma, bilanċ ta' dik is-somma ta' Lm23,500 li hu kien irċieva fl-1 ta' awissu, 1997. L-imputat xehed li hu kkonsenjsa din is-somma lil Walter Zammit iżda jirrizulta ċar li l-imputat uża dawn il-flus biex iħallas idejn tiegħu. Dan ma setgħax jagħmlu għaliex hu kellhu jrodd lura dawn il-flus lil Phyllis O'Rourke. L-imputat jista' jilmenta li din hi kwistjoni prettament ċivili. Din il-Qorti mhuex ta' din il-ftehma. Fl-ewwel lok, jidher ċar li kif ipprezenta ruħu fl-ewwel laqgħa li kellhu ma Phyllis

O'Rourke, hi kienet ċerta li qed jinnegozja ma persuni li xogħlha hu li jitrasferixxi l-flus. Tant hu hekk li ħalliet il-flus miegħu u siefret wara jumejn. Fit-tieni lok, l-aġir ta' l-imputat kien wieħed ta' opportunismu, fejn lagħab bil-fatt li din il-persuna kienet imsiefra. Il-fatt li hu żewġ skritturi jindika ben tajjeb li ma kellhu ebda intenzjoni li jħallas dak dovut. Fit-tielet lok, it-taħwid fix-xhieda tiegħu u it-taħwid fin-negozju tiegħu ma Walter Zammit ma jwassal għal ebda konkluzjoni ħlief li l-imputat ried jiffroda lil Phyllis O'Rourke.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jirritorna s-somma ta' erbgħa u tletin elf disgħa mija u erbgħin euro u sittin ċentesimu (€34,940.60) (ekwivalenti għas-somma ta' ħmistax il-elf lira maltin – Lm15,000) lil Phyllis O'Rourke fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------